**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Novembru, 2021**

Rikors Numru: 293/21 AL

A B

vs

C D E

(MR Number 670/1993)

Rat ir-rikors li gie kkonermat bil- guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf disa mija u tlieta u disghin (1993). (Dok A)

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett -it-tfal - F li twieldet fis-sena 1994, G li twieldet fis-sena 1997 u H li twieldet fis-sena 1998.
3. Illi l-imsemmija konjugi ilhom li nfirdu minn xulxin ghall-iktar minn hames snin. (Dok B - Kuntratt ta' Separazzjoni)

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilijazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi ma jezistu ebda pendenzi bejn il-kontendenti li ddekadew middrittijiet rispettivi taghhom illi jircievu l-manteniment minghand xulxin.

6. Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, fparagrafu tmienja (8), gie dikjarat illi r-ragel ghandu jithallas manteniment ghat-tfal sakemm dawn jaghlqu il-wiehed u ghoxrin sena jew jibdew jahdmu. Ilum it-tfal kollha ghalqu wiehed u ghoxrin sena u ma jezistu l-ebda pendenzi bejn il-partijiet.

7. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16), huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi ilhom separati ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, mhux mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Lulju, 2021;

Rat li l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Mejju 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.